MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-3 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 117/2011

A **B bhala kuratrici ad litem ta' bintha M nominata b'digriet tat-2 ta' Mejju 2011**

**vs**

**C D**

**E Z**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi fl-20 ta' Jannar tas-sena 2009, l-attrici welldet tifla minuri bl-isem ta' M u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 423/2009 hawn anness u markat Dok A.

2. Illi mill-att tat-twelid tal-minuri jirrizulta illi l-attrici A B hija omm din il-minuri u fil-kolonna intestata 'isem u kunjom', il-konvenut C D gie registrat bhala missier il-minuri.

3. Illi l-attrici A B u l-konvenut C D izzewgu f'Malta fir-Registru Pubbliku, Valletta nhar it-2 ta' April tas-sena 2004.

4. Illi ghalkemm fil-mument tat-twelid u tal-koncepiment tal-minuri, l-attrici A B u l-konvenut C D kienu mizzewgin, pero' l-istess attrici sa erbatax-il xahar mit-twelid tal-minuri M ma kinitx tghix ma' zewgha l-konvenut ghal ragunijiet serji.

5. Illi sa mix-xahar ta' Jannar tas-sena 2008 l-attrici kellha relazzjonijiet intimi mal-konvenut l-iehor E Z u mieghu biss.

6. Illi fil-perjodu relevanti meta giet koncepita il-minuri M kien hemm l-impossibilita' fizika li l-minuri setghet giet koncepita mill-konvenut C D peress illi l-konvenut D qatt ma kkoabita ma' martu A B bejn it-tlitt mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tal-minuri u dan peress illi fl-imsemmi zmien l-attrici u l-konvenut D qatt ma kkoabitaw flimkien.

7. Illi l-attrici A B kellha relazzjonijiet biss mal-konvenut E Z u hadd izjed u fil-mument li twieldet il-minuri u cioe' fl-20 ta' Jananr 2009, l-konnotati ta' E Z jinsabu elenkati f'Dok B.

8. Illi ghalkemm fic-certifikat tat-twelid tal-minuri M gie dikjarat illi missier il-minuri huwa l-konvenut C D, fil-fatt il-minuri giet koncepita fil-kors ta' relazzjoni extra-maritali li l-attrici kellha mal-konvenut Z.

Talbet ghalhekk li l-konvenuti ghar-ragunijiet premessi jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvvedimenti opportuni :

1. Tiddikjara illi l-konvenut E Z huwa l-missier naturali tal-minuri M u mhux il-konvenut l-iehor C D.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici ;

Semghet lix-xhieda illi tressqu ;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta'dan il-procediment ;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum ;

Ikkunsidrat :

Illi l-qorti ghandha quddiem talba relatata mal-paternita' tal-minuri M *stante* li l-attrici tikkontendi li minkejja li l-minuri li twieldet nhar fl-20 ta' Jannar 2009[1] fiz-zwieg taghha u tal-intimat C D u konsegwentement, minhabba l-presunzjonijiet legali naxxenti mill-ligi, l-istess minuri giet imnizzla bhala l-wild naturali tal-istess intimat C D, l-istess minuri m'hijiex bintu naturali izda l-wild naturali tal-intimat l-iehor E Z. Ghalhekk permezz ta' din il-kawza, l-attrici qieghda titlob lil din il-qorti sabiex tiddikjara li l-minuri M m'hijiex il-wild naturali tal-intimat C D izda l-wild naturali ta' E Z.

[1] Ara c-certifikat tat-twelid esebit a fol 4 tal-process

Min-naha tieghu, l-intimat C D jiddikjara permezz tal-affidavit tieghu[2] li huwa minnu li l-minuri m'hijiex il-wild naturali tieghu stante li fis-sena 2008 qatt ma ra lil martu u konsegwentement ma jistax ikun il-missier naturali taghha.

**<u>Il-Mertu tal-Kaz</u>**

Ir-rikorrenti tiddikjara li minkejja li l-minuri M twieldet fiz-zwieg bejnha u bejn l-intimat C D li gie celebrat fit-2 ta' April 2004, l-istess minuri m'hijiex il-wild naturali ta' zewgha izda tal-intimat l-iehor E Z. Tghid ukoll li minn Jannar 2008 sa' Dicembru 2008, l-intimat C D kien imsiefer l-Italja u ma kellhomx kuntatt fiziku bejniethom peress li kienu f'zewg pajjizi differenti. Tghid ukoll li kellha relazzjonijiet intimi biss ma' E Z.

Min-naha tieghu, l-intimat E Z, permezz tal-affidavit tieghu[3], filwaqt li jikkonferma r-relazzjoni mal-attrici, jikkonferma wkoll li l-minuri M hija bintu b'dan li kien prezenti kemm ghall-visti ta' qabel it-twelid kif ukoll waqt it-twelid innifsu. Jiddikjara wkoll li l-intimat C D kien fl-impossibilita' li jghammar mal-attrici peress li kien barra minn Malta u jzid jghid li kien hu stess li kien jorqod mal-istess attrici u konsegwentement C D ma jistax ikun il-missier tal-istess tarbija.

Il-qorti f'dan l-istadju taghmel referenza ghall-fatt li f'din il-kawza, d-Direttur tar-Registru Pubbliku ma giex kjamat fil-kawza jew kien parti mill-istess u dan *stante* li l-atturi jargumentaw li dan mhux necessarju ghall-validita' tal-kawza. Huma jargumentaw ukoll li f'kaz li t-talba taghhom tigi milqugha, allura d-Direttur tar-Registru Pubbliku jkun obbligat li jikkoregi u jemenda c-certifikat tat-twelid tal-minuri skond l-istess sentenza minghajr ma jkun involut direttament fl-istess kawza. L-atturi jaghmlu referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Dolores Bartolo vs Simon Bartolo** deciza nhar it-22 ta' Frar 2012 fejn din il-qorti hekk kif

[2] Prezentat permezz ta' nota datata l-21 ta' Jannar 2014
[3] Ibid

diversament preseduta accettat u laqghat it-talbiet attrici ghal bdil fic-certifikat tat-twelid minghajr ma gie kjamat in kawza jew imsejjah id-Direttur tar-Registru Pubbliku. L-istess haga jista' jinghad ghall-kawza fl-ismijiet **Adelaide Attard vs Joseph Attard** deciza nhar it-8 ta' Mejju 2012 fejn ghal darb'ohra, f'kawza ta' paternita', id-Direttur tar-Registru Pubbliku ma giex kjamat fil-kawza u ma giex imharrek sabiex jirrispondi ghall-istess. Din il-qorti tirrileva li huwa minnu li hija prassi li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi mharrek f'kawzi ta' paternita' pero' mill-qari tal-ligi jidher li dan mhux necessarju. Ghalhekk, il-kawza odjerna tista' tibqa' ghaddejja b'dan illi meta jkun hemm sentenza li tkun ghaddiet *in gudikat* issir l-annotazzjoni necessarja sabiex ikun hemm bdil fic-certifikat relattiv b'mod formali.

Il-Qorti tirrileva wkoll li kien ikun ferm ahjar li kieku l-partijiet issottomettew ruhhom ghat-testijiet genetici li huma meqjusa bhala l-prova regina f'kawzi ta' din in-natura pero', mill-provi jirrizulta bl-aktar mod car u inekwivoku li l-minuri M m'hijiex il-wild naturali ta' C D izda l-wild tal-intimat E Z. Tenut kont ta' dan il-qbil bejn il-partijiet, il-qorti hija konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li hemm lok li jkun hemm korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-minuri M biex b'hekk il-missier naturali taghha jkun jidher li huwa E Z minflok C D.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li E Z huwa l-missier naturali tal-minuri M u mhux l-intimat C D.

Bl-ispejjez jinqasmu b'mod ugwali bejn l-attrici u l-intimat E Z.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------